MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2005

Rikors Numru. 287/2005

**Wara l-Mandat ta' Sekwestru Numru 392/05 fl-ismijiet:**

**Edward PAĊE**

**vs**

**Michael SULTANA, Aronne *sive* Ronnie Caċċiattolo u Mario Debattista**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq minn Michael Sultana, Ronnie Caċċiattolo u Mario Debattista fit-22 ta' Marzu, 2005, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra talbu li l-Qorti tħassar il-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv fuq imsemmi;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat eżekutant Edward Paċe fit-8 ta' April, 2005, li biha oppona għat-talba tal-esekutati;

Semgħet lill-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' April, 2005, li bih ħalliet ir-Rikors għad-deċiżjoni;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba biex din il-Qorti tħassar Mandat ta' Sekwestru eżekuttiv maħruġ fit-3 ta' Marzu, 2005, fuq talba tal-intimat Edward Paċe. Il-Mandat inħareġ għall-ispejjeż taxxati ta' kawża mressqa quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Settembru, 1991[1], mir-rikorrent Mario Debattista kontra l-intimat Paċe u oħrajn. Ir-rikorrenti jgħidu li l-Mandat ma messux intalab billi kien diġa' nħareġ Mandat ta' Sekwestru eżekuttiv ieħor[2] kontra tagħhom dwar l-istess kreditu, u huma kienu talbu u kisbu l-ħruġ ta' Kontro-mandat[3] għalih, wara li kienu iddepożitaw l-ammont mitlub fil-Mandat b'ċedola taħt l-awtorita' tal-Qorti[4]. Għalhekk, qegħdin jgħidu li ladarba sar il-ħlas, il-Mandat ta' Sekwestru l-ġdid għandu jitħassar;

Illi l-intimat eżekutant iwarrab ir-raġunament tar-rikorrenti billi jgħid li l-Mandat inħareġ bis-saħħa ta' titolu eżekuttiv li għadu fis-seħħ, u billi jqis li d-depożitu biċ-ċedola ma jiswiex għaliex il-ħlas la kien offrut qabel ma sar id-depożitu u lanqas ġie depożitat l-ammont kollu, billi la kien jinkludi l-ispejjeż kollha tal-Mandat (Nru. 88/05) innifsu u lanqas it-Taxxa għall-Valur Miżjud;

Illi fuq il-fatti kif seħħew ma jidhirx li bejn il-partijiet hemm nuqqas ta' qbil. Lanqas ma jidher li huwa kontestat li, qabel ma r-rikorrenti għaddew biex iddepożitaw il-flus, l-ebda offerta ma saret lill-intimat eżekutant jew lill-avukat tiegħu. Ir-raġuni msemmija fiċ-ċedola li għaliha r-rikorrenti iddepożitaw il-flus taħt l-awtorita' tal-Qorti kienet

[1] Ċitazz. Nru. 1038/91RCP (li marret deżerta fis-27 ta' Marzu, 2001)
[2] Mandat 88/05 maħruġ fit-18 ta' Jannar, 2005
[3] Numru184/05 maħruġ fit-28 ta' Jannar, 2005 (Dok "A", f'paġġ. 2-3 tal-proċess)
[4] Ċedola Nru. 94/05 (Dok "B", f'paġ. 4 tal-proċess)

"purament sabiex jeħilsu mill-effetti" tal-ewwel Mandat ta' Sekwestru (Nru. 88/05), u dan fid-dawl li "bejn il-partijiet għad hemm proċeduri oħra, u cioe tlett kawżi oħra li għadhom pendenti". Fil-kontro-mandat, ir-rikorrenti jagħtu l-fatt tad-depożitu bħala r-raġuni li għalih ntalab it-tħassir ta' l-ewwel Mandat;

Illi filwaqt li r-rikorrenti jgħidu li l-intimat eżekutant ma setax jitlob il-ħruġ tat-tieni Mandat (Nru. 392/05), huma jissottomettu li, jekk l-intimat ma deherlux li d-depożitu kien jgħodd, imissu attakka b'kawża s-siwi tal-Kontro-mandat. Min-naħa tiegħu, l-intimat Paċe jisħaq li d-depożitu ma jgħoddx u li kellu kull jedd jitlob il-ħruġ tal-Mandat mertu ta' din il-proċedura;

Illi fil-proċedura li llum għandha quddiemha l-Qorti, l-liġi ma tagħtihiex li tiddeċiedi la l-mod kif l-intimat messu jew seta' jattakka l-ħruġ tal-Kontro-mandat, u lanqas jekk id-depożitu kienx jiswa, għaliex dawn huma kwestjonijiet li dwarhom iridu jsiru proċeduri speċifiċi b'deċiżjoni tingħata għalihom[5];

Illi l-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum jinkwadra ruħu u huwa espressament imsejjes mir-rikorrenti fuq dak li jipprovdi l-artikolu 283A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-għan li għaliha ddaħħlet din id-dispożizzjoni fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, l-parti eżekutata tbati preġudizzju. Minn dak li jirriżulta minn eżami tad-dibattiti parlamentari li wasslu għad-dħul tal-imsemmi artikolu fil-Kodiċi, ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ[6]. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-

[5] Art. 161(1) tal-Kap 12 u l-art. 1177 tal-Kap 16

[6] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **1.12.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Briffa vs Stones Properties Ltd. noe*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.ii.1401**) u App. Ċiv. **25.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***K.T.I. vs Serge*** (Kolleż. Vol: **LXXXV.ii.414**)

rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra;

Illi l-liġi ma tgħidx x'tista' tkun "raġuni valida skond il-liġi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in ġenerali, jista' jingħad li mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma[7]. Meta l-liġi riedet tfisser f'liema ċirkostanzi jista' jintalab il-ħruġ ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per eżempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta' l-kawża preżenti m'huwiex Mandat kawtelatorju;

Illi, fil-qofol tal-kwestjoni, jirriżulta li bejn il-partijiet għad hemm kontestazzjoni dwar jekk it-titolu eżekuttiv li bis-saħħa tiegħu nħareġ il-Mandat impunjat għadux fis-seħħ. Fil-fehma ta' din il-Qorti, għalhekk, sakemm ikun hemm provvediment ġudizzjarju dwar dan, jew sakemm ma jirriżultax minn dokument jew fatt maqbul bejn il-partijiet li jipprova t-twettiq jew l-estinzjoni tat-titolu, tali titolu eżekuttiv ikollu jitqies li għadu fis-seħħ;

Illi l-Mandat – li huwa att eżekuttiv – inħareġ fuq il-bażi li t-titolu eżekuttiv għadu fis-seħħ. Mad-daqqa t'għajn, jidher li l-Mandat iħares dak kollu li tipprovdi l-liġi għas-siwi tiegħu[8] u ċertament inħareġ minn Qorti kompetenti u kien kollazzjonat kif imiss mir-Reġistratur tal-Qrati;

Illi, għalhekk, lill-Qorti ma jirriżultalhiex li hemm raġuni tajba biex l-istess Mandat jiġi attakkat;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi t-talba tar-rikorrenti billi:

**Tiċħad it-talba** għat-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru eżekuttiv numru 392/05 fl-ismijiet premessi, billi mhix mistħoqqa, bl-**ispejjeż**, kontra r-rikorrenti.

---

[7] P.A. AJM **14.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Spiteri vs Anthony Perry et*** (degriet interlokutorju)
[8] Art. 274 tal-Kap 12

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------